MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 158/2013

**Christopher Zammit K.I.69969(M)**

**vs.**

**Mario Cachia**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu l-attur talab il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' seba' mija u sebgħin Ewro (€770.00), dovuta għal xogħol ta' tibjid li sar għand il-konvenut fid-dar tiegħu 140, Spring Valley, Triq Blat il-Qamar, Siġġiewi, liema xogħol sar f'Settembru 2011 u l-konvenut baqa' inadempjenti li jħallas wara diversi tentattivi inkluż l-ittra legali datata 28 ta' Jannar 2013.
Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-

Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-atturi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u sebgħin Ewro (€770.00), bl-imgħax legali dekorribbli mill-21 ta' Marzu 2013, li hija d-data tal-preżentata tal- Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra legali tat-28 ta' Jannar 2013, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------